MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 19

26 ta' Novembru 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-6.30pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post, kienu preżenti fil-ħin, bl-eċċezzjoni ta' Dr. Martin Musumeci li wasal ftit wara. Is-Sur Cordina qal talba għar-ruħ Dr. Iris Pace li l-funeral tagħha sar propju f'din il-ġurnata.

## 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

19.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellha l-ebda ittra t'apoloġija. Dr. Musumeci daħal f'dan il-mument.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

19.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 18 ġew approvati.

## 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.3.1 *Mixegħla tas-Siġra*

Is-Sur Cordina informa lill-membri preżenti li fit-30 ta' Novembru se ssir il-Mixegħla tas-siġra. Dr. Musumeċi qal li l-kotba li fadal minn l-attività ta' FierAmbjent jistgħu jitqassmu waqt dik tal-Mixegħla. Is-Sur Cordina qal li mhumiex biżżejjed. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li jitqassmu lit-tfal waqt l-attività tal-Bazaar.

19.3.2 *Vjal Kulħadd*

Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li l-balavostri li kienu tkissru qabel il-festa huma lesti imma peress li issa hemm bżonn li jinbidlu wkoll tan-naħa l-oħra talab lill-Infrastruttura Malta biex dawn jiddaħħlu bħalha spiża mal-proġett tal-Pjazza. Infrastruttura Malta aċċettat. Dr. Cassar saqsa jekk hemmx lista ta' siġar li se jinżergħu.

Kompla jgħid ukoll, li rċieva telefonata mingħand il-ħanut li għandu t-tinda biswit il-Knisja. Qal li din it-tinda eventwalment trid tinbidel u jsiru xi tip ta' umbrelel iktar puliti. Sid dan il-ħanut partikulari talab biex juża u jinħariġlu permess biex jarma l-imwejjed u siġġijiet fil-pjazza. Is-Sur Cordina qal li hu ma jaqbilx li jinħareġ tali permess u xorta tali permessi jinħarġu f'okkażjonijiet speċjali. Dr. Musumeċi u s-Sur John Bonnici qalu li jekk jinħarġu tali permessi jista' jkun li mis-seba tittieħed l-id u l-fatt li tintuża l-Pjazza fit-tul tidher mhix f'lokha. Dr. Cassar qal li huma bħal fil-każ tal-Istazzjon kienu qablu li tali postijiet m'għandhomx jiġu kummerċjalizzati u għalhekk iżomm mal-prinċipju li permessi jingħataw biss f'okkażjonijiet speċjali biss. Is-Sur Ciantar qal li għalkemm il-Kunsill dejjem wera u ta għajnuna lill-entitajiet kummerċjali jħoss li f'dan il-każ il-Pjazza m'għandhiex tiġi użata b'dan il-mod.

Il-Kunsill b'deċiżjoni unanima qabel li ma jinħariġx tali permess.

## 19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

19.4.1 Ralph Cassar

- Irringrazzja lill-istaff għas-sehem li taw waqt FierAmbjent li wara li tikkunsidra kollox l-attendenza kien mhux ħażin.
- Fakkar fuq il-*Belisha Beacons* fi Triq Victor Vassallo u t-tiswijiet tal-pont ta' Wied Irmiedi

19.4.2 Alex Mangion

- Qal li ġie ikkuntattjat biex issir *sleeping policeman* fi Triq il-Qarsajja. Is-Sur Cordina qal li jekk iridu jagħmlu Ħ'Attard qamar mhix problema imma kienet ġa saret konsultazzjoni fl-istess triq u ma ntlaqatx. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat ukoll li ġa hemm waħda ftit il fuq.

19.4.3 Remigio Bartolo

- Fakkar fuq Ġieħ Ħ'Attard biex jibdew jippreparaw għax il-21 ta' Marzu malajr jasal.
- Rigward il-Ġemellaġġ (9-13 ta' Lulju) iridu jiddeċiedu minn tiela' u fuq il-fondi. Is-Sur Cordina qal li ħerġin xi fondi oħra tar-Reġjun u se jara kif jista' jġib ftit minnhom ħabba l-ġemellaġġ.

19.4.4 John Bonnici

- Saqsa fuq Triq ir-Ruzell minħabba li kien hemm il-bankina għolja mill-garaxxijiet għat-tarmak. Is-Sur Cordina qal li hemmhekk jonqos saff tarmak imma jekk irid jista' jagħmel ftit konkos u jżidha ftit *cement*. Is-Sur Cordina qal li min għamel il-bankina mhux min se jagħmel it-triq. Sfortunatament m'hemmx data għal meta se ssir it-triq.

19.4.5 Nicole Mangion

- Qalet li rċeviet messaġġ fuq xogħolijiet li qed isiru fi Triq Lorenzo Manche', it-theżżież tal-bini u l-ħinijet li qed jaħdmu fihom. Is-Sur Cordina qal li għandhom permess biex jaħdmu anki sa tard bil-lejl.

## 19.5 Rapporti

19.5.1 Approvazzjoni ta' Rapport tal-Kwart tas-Sena Lulju -Settembru 2025

Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega ta' dan ir-rapport kif jidher hawn taħt. B'żieda ma' dan qalet li l-proġett ta' Ġnien il-Palma jinsab konkluż u spjegat kif baqa' biss li jitħallsu tliet *invoices* li tnejn minnhom huma *retention monies ta' 5%* b'valur ta' €8,049.73-il waħda li se jitħallsu f'għeluq l-ewwel sena minn tmiem il-proġett u għeluq it-tieni.

**Attard Local Council** **Quarterly Financial Report**

**1st January till End of September 2025 (Quarter 3)**

***Overview and Summary***

The Q3's financial result is a surplus of EUR3.1k. This is a slight improvement from the result in Q2 which resulted in a deficit of EUR2.4k. The activities in Q3 were relatively in line with those of Q2, except for the following points which are worth noting:

a) the increase in other income by EUR18k mainly relates to a EUR10.6k refund from DLG for the extra salaries & performance bonuses paid in the first half of 2025 (brought about by the collective agreement signed in Jan 2025); and a refund of the increase in the councillors' allowance of EUR6.8k up to Sept 2025;

b) this quarter we see the interest on the remainder of the payable amount to Mr. Joseph Tabone being recognised as expenditure (under Finance Costs in the Statement of Income and Expenditure), as in July a final version of a repayment schedule was agreed with Mr. Joseph Tabone which includes interest on the payments made to him since March 2025 until Sept 2026. The interest charged up to the end of Sept 2025 amounted to Eur9,959; and

c) increase of around EUR4.9k from previous quarter related to cleaning of culverts and other road cleaning costs.

The additional income noted above of around EUR18k less the interest costs of EUR10k and the road cleaning related costs of around EUR4.9k, resulted in an overall surplus of EUR3.1k for Q3.

The FSI as at end of Q3 stands at 138% - there were no major changes in relation to the capitalisation of ongoing projects since Q2, therefore the FSI is still in line with the FSI as at the end of Q2 (FSI at 130%). The small increase is mainly due to an additional EUR75k of grant payment received from Ambjent Malta in August in relation to the embellishment of the Gnien il-Palma, which increased the deferred income. This will be netted off with the associated costs when project will be capitalised.

Semmiet ukoll li kellhom laqgħa pożittiva mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn id-DG offra li jgħaddi l-allokazzjoni qabel (fil-fatt din ingħaddiet diġà) u anke li jekk hemm bżonn issir talba għall-allokazzjoni supplimentari ta' €500,000. Dr. Cassar semma wkoll il-fatt li fir-Rapport tal-NAO jissemmew 9 Kunsilli lokali li mhux qed ilaħħqu mal-obbligazzjonijiet tagħhom imma li s'issa Ħ'Attard mhux inkuż magħhom. Qal li dan ir-rapport 'highlights significant financial challenges for councils, with **37 receiving qualified opinions**, 9 facing "going concern" issues (risk of not meeting obligations), and 18 reporting negative working capital'. Qal li xi ħaġa pożittiva hi li r-rapport isemmi l-fatt li l-affarijiet għollew u li hu diffiċli għal ċertu kunsilli li jlaħħqu ma' ċertu obbligazzjonijiet.

Dan ir-rapport ġie unanimament maqbul u approvat.

## 19.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 19.6.1 *Riżoluzzjoni: Talba għall-Devoluzzjoni ta' Ġnien Ħal Warda*

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni Riżoluzzjoni Nru. 8 li tgħid hekk:

KUNSILL LOKALI
**Ħ'ATTARD**

13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard
Tel: (+356) 21411111/21433979
Fax: (+356) 21411414
E-mail: attard.lc@gov.mt
http://www.attard.gov.mt

20 ta' Novembru 2025

## RIŻOLUZZJONI 8

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li jibda l-process ta' devoluzzjoni ta' Ġnien Ħal Warda.

Proponent

Sekondant

Paul Ciantar

Din ir-riżoluzzjoni ġiet approvata bis-Sur Stefan Cordina bħala proponent u s-Sur Paul Ciantar bħalha sekondant.

Fuq dawn il-punti tal-aħħar id-Dipartiment sejjaħ laqgħa malajr mal-Kunsill sabiex ikun t'għajnuna u jintervjeni fejn hemm bżonn. Hi qalet kif talbet biex ikun hemm fond t'emerġenza

19.6.2 *Diskussjoni: Bye-law Ġnien l-Istazzjon*

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat il-kontenut tal-*bye*-law li ġiet ċirkulata lill-Kunsilliera u ġiet ukoll midura minn Dr. Caruana. Hi bdiet billi qalet li l-kliem tal-bidu jagħti d-definizzjoni tal-kliem użat fil-*bye-law,* l-iskeda ta' kif għandha ssir l-applikazzjoni, isem, kunjom, nru. ta' dokument, żmien ta' użu, għal-liema skop ħa jintuża l-ġnien jew iċ-Ċentru, li tinżamm l-indafa u r-regolamenti fuq l-istorbju. It-Tieni Skeda tagħti dettalji fuq il-pattijiet u kundizzjonijiet sabiex tingħata awtorizzazzjoni u t-Tielet Skeda id-Drittijiet għall-Użu tal-faċilitajiet kif murija hawn taħt li ġew mibdula minn hekk:

IT-TIELET SKEDA
(*bye-law* 9)

Drittijiet għall-użu tal-faċilitajiet

Pagament għall-użu ta' Ġnien l-Istazzjon

€150.00 għal massimu ta' erbgħa sigħat

€20.00 għall kull siegħa addizzjonali

Pagament għall-użu tac-Ċentru ghall-Kultura, Edukazzjoni u Informazzjoni

€250.00 għal massimu ta' erbgħa sigħat

€50.00 għall kull siegħa addizzjonali

---

għal hekk:

IT-TIELET SKEDA
(*bye-law* 9)

Drittijiet għall-użu tal-faċilitajiet

Pagament għall-użu ta' Ġnien l-Istazzjon

€250.00 għal massimu ta' erbgħa sigħat

€40.00 għall kull siegħa addizzjonali

Pagament għall-użu tac-Ċentru ghall-Kultura, Edukazzjoni u Informazzjoni

€350.00 għal massimu ta' erbgħa sigħat

€70.00 għall kull siegħa addizzjonali

---

Dr. Musumeci saqsa għala hemm *fixed rate* u jekk tistax tiġi riveduta? Dr. Caruana qalet li *bye-law* hija liġi u bħalha ammont il-prezzijiet huma fissi sakemm ma jiġux riveduti permezz ta' emenda. Id-diskussjoni kompliet fuq li l-ammonti, ngabu minn *bye-laws*

oħra f'lokalitajiet differenti imma b'postijiet simili, x'jinkorpora fih l-ammont, l-indafa, l-ispejjeż tal-impjegat, użu tal-faċilità u li a bażi ta' dan li ġew miżjuda l-ammonti biex jirriflettu l-ispejjeż għall-indafa u l-impjegat. Dr. Caruana issuġġeriet li jinbidlu l-ammonti hekk kif elekanti fuq u li kull impjegat għandu jitħallas bir-rata li hu mpjegat biha. Is-Sur Cordina saqsa jekk hux ħa jkun hemm distinzjoni bejn it-tip ta' attivitajiet li jsiru u jekk tistax tiġi revokata awtorizzazzjoni? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tali awtorizzazzjoni qed tingħata mill-Kunsill u jekk ikun hemm ksur ta' tali din tista' tiġi revokata anki waqt l-attività in se.

Din il-*bye-law* ġiet approvata.

## 19.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

19.7.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet iċċekkjata minn Dr. Caruana.

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.
Proponent: Dr. Martin Musumeci Sekondant: Dr. Helen Caruana

L-iskedi ġew approvati.

## 19.8 Mozzjonijiet; u

19.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 19.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

19.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.31pm u ġiet aġġornata għat-16 ta' Diċembru 2025 fil-6.15pm

Konfermati illum, 16 ta' Diċembru 2025.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv